MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 632/2011

**Citadell Insurance p.l.c. (C21550) kif surrogata fid-drittijiet**
**tal-assikurata taghha Karen Cassar u l-istess Karen Cassar (K.I. Numru:- 212582M)**
**Vs**
**Vassallo Builders Limited (C-20882)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KRN582 propjeta’ tar-rikorrenti Karen Cassar, u assikurata mas-socjeta’ assikurattrici rikorrenti, kienet ipparkjata fi Triq Paceville, San Giljan vicin fejn kien qed isir xoghol ta’ kostruzzjoni li ghalih kien responsabbli s-sojceta’ intimata; illi l-vettura in kwistjoni soffriet hsarat fl-ammont ta’ erbgha mija u hamsa u disghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€495.46), liema ammont jinkludi *excess* ta’ €55 imhallsa mir-rikorrenti Karen Cassar, minhabba li waqa’ sellum fuq l-istess vettura mill-bini u/jew sit ta’ kostruzzjoni fejn kien qed isir dan ix-xoghol ta’ kostruzzjoni; illi s-socjeta’

assikurattrici rikorrenti kellha taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti Karen Cassar, u l-istess rikorrenti Karen Cassar hallset *excess* u ghaldaqstant ir-rikorrenti qeghdin jitolbu li s-socjeta’ intimata thallashom dawn l-istess danni u *excess*; illi r-rikorrenti qeghdin jaghmlu din it-talba wara li s-socejta’ intimata gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali tat-28 ta’ Ottubru 2010 izda baqghet inadempjenti; illi ghar-ragunijiet premessi ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal illi jiddikjara lis-socjeta’ intimata unikament responsabbli ghad-danni in kwistjoni, li tillikwida l-istess danni fis-somma ta’ erbgha mija u hamsa u disghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€495.46) in kwantu ghas-somma ta’ €55 imhallsa mir-rikorrenti Karen Cassar f’*excess* u in kwantu ghas-somma ta’ €440.46 konsistenti fi hlas li, sar mis-socjeta’ assikurattrici rikorrenti, lill-istess Karen Cassar b’surroga tad-drittijiet u li tikkundanna lis-socjeta’ intimata thallas dik is-somma hekk likwidata, bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Ottubru 2010, u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta’ l-istess ittra ufficjali, sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra s-socjeta’ intimata, li r-rapprezentanti legali taghha huma minn issa ngunti biex jidhru in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li eccepixxiet illi t-talbiet tal-atturi kif dedotti minnhom fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante li l-istess socjeta’ konvenuta m’hijiex responsabbli ghad-danni reklamati minnhom u dana kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz; salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha fil-process;
Sema’ x-xhieda kollha;
Ra l-verbal li bih thalliet illum ghas-sentenza.

Mill-provi jirrizulta:

Din it-talba tirrigwarda danni subiti fuq il-vettura bit-targa KRN582 propjeta’ ta’ Karen Cassar meta kienet ipparkjata f’Paceville f’San Giljan fis-27 ta’ Dicembru 2009. Il-vettura kienet assigurata ma’ Citadel Insrunace plc li hallset it-

tiswijiet fis-somma t' erba' mija hamsa u disghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€495.46), ara Doks Sm1 sa Sm3, a folio 24 et seq tal-pocess, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' Karen Cassar.

Karen Cassar (l-assigurata) u l-gharus taghha ta' dak iz-zmien, Ronnie Mackay, taw ix-xhieda taghhhom u rrizulta illi:
Il-karozza Toyota Vitz bit-targa KRN582 hija inxurjata *full cover*. Illi fi-7 ta filghaxija tas-27 ta' Dicembru 2009 kienu ipparkjaw il-karozza fi Triq Paceville f'San Giljan. Kienu pparkjaw bejn zewg vetturi ohra quddiem bini taht kostruzzjoni u cioe George Hotel. Bejn il-vettura taghha w il-binja kien hemm ukoll bankina. Karen Cassar iddikjarat li meta rritornat fis-siegha ta' filghodu rat is-saqaf u l-bieba tal-karozza taghha bid-daqqiet ta' marki bojod.  Mal-art bejn il-vettura w il-bini kien hemm sellum tal-injam kbir (ossia *mason's ladder*). Iz-zewg xhieda ddikjaraw illi ma kienx hemm restrizzjonijiet jew sinjali biex ma jipparkjawx hemm. Iz-zewg xhieda ddikjaraw illi l-bini kellu *scaffolding* li kien mikxuf. Skont Mackay kien hemm hafna rih dakinhar u il-post ma kienx mdawwal sew tant li ghall-ewwel hasbu li kien hemm grif biss fuq il-vettura. Pero filghodu raw ukoll li kien hemm id-daqqiet u ghalhekk ghamlu rapport lill-Pulizija.

Mackay (li illum m'ghadux l-gharus ta' Karen Cassar) kien ha hsieb li jaghmel ir-rapport mal-pulizija. Kien ipprova jasal ghall-soluzzjoni mas-socjeta' konvenuta. Kien sahansitra mar fuq is-sit u tkellem mal-*foreman* li kien qallu li sab is-sellum mal-art u kien tah numru tal-Perit biex jirrangaw. Pero' minkejja diversi telefonati dawn qatt ma waslu.

**Micahel James Brewen** (li xehed bil-lingwa Ingliza) u Joseph Saliba xehdu ghas-socjeta' konvenuta. Brewen kien il-bniedem responsabli ghall-progett ta' George Hotel gewwa Paceville filwaqt li Saliba kien il-Works Manager ta' dan il-progett.  Brewen jiftakar l-incident pero' hu ma kienx prezenti ghaliex kien zmien il-Milied. Hu ddeskriva l-post ta' kostruzzjoni bhala wiehed sensitiv ghaliex MEPA kienu jispezzjonaw il-post ta' spiss. Qal li, apparti l-

i*scaffolding* kien hemm ukoll hajt bhala protezzjoni (ta' tmien filati) u bejn il-hajt u s-sit jkun hemm *walkway mghoti.* Iddikjara li l-post kien mghotti bi *dustproof netting*. Iddikjara li l-haddiema kienu qalulu li kien hemm sellum mal-art. Pero', fil-fehma tieghu ma setghax jaqa' sellum. L-unika spjegazzjoni li setgha jsib huwa li xi hadd dahal fuq is-sit u waddab is-sellum. Saliba qal li qatt ma ra s-sellum u li peress li kien f'Paceville kellhom jiehdu l-prekawzzjonijiet kollha necessarji anke fil-kaz tal-bankina din kellha tkun mghottija. Zied li ma kienx minnu li l-iscaffolding kien mikxuf u lanqas li bicca minnu kienet esposta. Ammetta illi ma kienx hemm xi haddiehor li kien qed jaghmel xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-vicin. Ma setghax lanqas jeskludi li s-sellum kien fuq is-sit u li gie migbur minn haddiehor.

IKKONSIDRA

Fit-talba odjerna l-assikurazzjoni hadet passi kontra Vassallo Builders ghall-hsarat ikkawzati fuq vettura pparkjata hdejn is-sit fejn kienu qeghdin jaghmlu xoghlIjiet ta' kostruzzjoni gewwa Paceville ossia "George Hotel". Vassallo Builders Limited kienu responsabbli ghas-sit in kwistjoni. Dan gie ukoll ikkonfermat mis-socjeta' konvenuta.

It-Tribunal jaghmel riferenza ghas-segwenti artikoli tal-Kodici Civili tal-ligijiet ta' Malta :

**1031** li jghid illi: *kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu"*

**1033.** *Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.*

**1042.** *Jekk issir ħsara lil xi ħadd bil-waqgħa ta' ħaġa mdendla jew imqiegħda f'qagħda ta' perikolu, inkella bit-tfigħ jew xħit ta' xi ħaġa minn bini, id-detentur ta' dak il-bini, meta huwa nnifsu ma jkunx għamel il-fatt, u ma jkun bl-ebda mod ħa sehem fih, ma jweġibx għall-ħsara, ħlief sa fejn id-disposizzjonijiet ta' dan it- Titolu dwar ir-*

*responsabbiltà ta' persuna għall-ħsara magħmula minn oħra, jkunu jgħoddu għalih.*

Huwa principju pacifiku ukoll fil-gurisprudenza illi l-oneru tal-prova huwa ta' min qed jallega pero' il-grad ta' prova f'kawza civili hija hafna inqas oneruza minn kawza kriminali :
*"... il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili."*) [1]

Illi ghalhekk it-Tribunal ghandu jezamina c-cirkostanzi li waslu ghat-talba ta' htija u hlas ta' danni tal-kawza odjerna.

Mill-provi jirrizulta (u ma giex ikkontestat) illi l-vettura tal-assikurata kienet ipparkjata quddiem is-sit taht kostruzzjoni. Illi ma hemmx kontestazzjoni illi kienu qed issiru xoghlijiet ta' kostruzzjoni fuq is-sit. Illi pero' meta gara l-incident il-haddiema ma kienux fuq is sit ghaliex kien hemm is-*shutdown* tal-Milied. Ghalhekk fil-hin li gara l-incident ma kien hemm hadd. Hareg mill-provi ukoll li l-kawza tal-hsarat kien sellum kbir tal-injam (*mason's Ladder)* li skont ix-xhieda ghas-socjeta' attrici waqa' mis-sit u laqat is-saqaf u l-bieba tal-karozza. U dan kienu jafuh minhabba l-hsrat li twettqu u anke minhabba l-fatt illi kien hemm sellum mal-art hdejn il-karozza. Illi pero hadd ma kien prezenti meta gara dan l-incident ghalhekk kif waqa' wiehed jista biss jispekula. Illi gie ikkonfermat ukoll illi dan kien l-uniku sit fl-inhawi li kien qed jinbena u li kien taht kostruzzjoni.

Min-naha l-ohra pero kien hemm hajt protettiv ta' tmien filati quddiem is-sit u skont is-socjeta' konvenuta (u

[1] *1* **Giordamaina Medici Frank et vs William Rizzo** et, deciza fit-28 t'April 2004, mill-Onor. Imh. Noel Cuschieri fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

hawnhekk ma hemmx qbil bejn il-partijiet) l-i*scaffolding* kien mghotti bi *dust sheet* uzat fl-industrija.

It-Tribunal josserva illi  ma hemmx kontestazzjoni lanqas illi d-dannu gie kkawzat mis-sellum li waqa' illi skont is-socjeta' konvenuta, pero' huma kienu hadu il-prekawzzjonijiet kollha li kellhom jiehdu ghaliex kien hemm il-hajt protettiv, id-distanza bejn il-karozza u l-binja u anke xibka tat-trab .  Wiehed mix-xhieda ddikjara illi l-unika spejagazzjoni li setgha kien hemm huwa li terzi dahhlu fil-bini u waddbu is-sellum.  It-Tribunal jikkonsidera illi huwa ormai pacifiku dwar it-'*terzo ignoto'* illi:
*"Il-konvenut ma jista' jaddebita l-ebda htija fuq terz meta jonqos li jsejjah lil tali persuna fil-kawza. Id-difiza tat-terz injot mhix sostenibbli ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza*. [2]"

Illi ghalhekk it-Tribunal ghandu jhares biss lejn il-provi li ghandu quddiemu w ic-cirkostanzi pprezenatati. Fil-fehma tat-Tribunal anki jekk l-i*scaffolding* kien kollu mghotti, it-Tribunal ihoss illi *dustcover* ma jistax jzomm affarijiet ta' certu piz li jaqghu mill-gholi bhalma huma slielem tal-injam uzati f' kostruzzjoni. (Illi sfortunatament hadd ma pprezenta ritratt tas-sit in kwistjoni).  Ghalhekk it-Tribunal ghandu jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu a bazi ta' dak li gie pprezentat.  Illi anke jekk kien hemm distanza kreata minhabba l-hajt u l-bankina jekk kien hemm ukoll gallerija, sellum ta' certu daqs li jaqa'  mill-gholi jista jaqa' fit-triq.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal ihoss li t-talba attrici giet sodisfacentement ippruvata.

DECIDE
Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont t' erba' mija hamsa u disghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€495.46) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

---

[2] Nazzareno Abela vs Sheth Kishorekimar deciza fit-12 ta' Dicembru 2001 mill-Prim' Awla Qorti Civili (776/95RCP); u Richard Fench vs Rook Construction Limited deciza fit-3 t'Ottubru 2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------